TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT237/15/F

Euchar Bugeja
Vs
World Marketing Services Ltd

Illum 6 ta' Lulju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ippreżentati fil-21 ta' Diċembru 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' €24 kif ukoll spejjeż rappreżentanti prezż ta' tiswija li saret fuq waterless pots minħabba il-fatt li din kienet lifetime guarantee.

**Ikkunsidra is-segwenti**

Illi wara li sema ix-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti fejn ir-rikorrenti xtara sett ta' stainless steel kitchen-ware u żewġ pots ġew naqra loose u ried li jissewwew. Meta ħadha iċċarġjawh €24 u hu qed jitlob il-flus lura għax qed jgħid illi kien hemm lifetime guarantee.

l-intimat issottometta li il-kumpanija li kontriha fetaħ il-kawża ir-rikorrenti kienet kumpanija differenti u il-kumpanija li tagħtu life time guarantee kienet World Marketing Bavaria u li mhix l-istess kumpanija tal-lum.

It-Tribunal sema iż-żewġ partijiet jikkonsidra li l-intimat għandu raġun u

**Għal dawn il-motivi**

It-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż jiġu soppartati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**